VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE LOUISE COLEIRO PRECA**
President

19 ta' Diċembru, 2014

ATT Nru. XLIII tal-2014

ATT biex jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, Kap. 406.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 406.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

Emenda tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali.

2. Fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 22 tal-Att prinċipali, minnufih wara l-kliem "taxxabbli jew provvisti eżenti bil-kreditu" għandhom jidħlu l-kliem "jew provvisti ntaxxati barra minn Malta li, kieku kienu magħmula f'Malta, kienu jkunu meqjusa bħala provvisti eżenti bla kreditu".

A 828

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 223 tas-16 ta' Diċembru, 2014.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati